*- PRESKRIZZJONI - ART 2148 (B) -*

*- INTERRUZZJONI TA' PRESKRIZZJONI –*

*- ART 2128 – KAP 16, ART 2130 (1) – KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 t'April 2001**

**Kawza Numru: 4**
**Citazzjoni Numru: 2161/98/RCP**

**Forestals Building Materials & Services Ltd**

**vs**

**PPB Malta Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici versu s-socjeta attrici fis-somma ta' elf, sitt mija u lira Maltin u sitt u ghoxrin cetezmu (Lm1601.26) rappresentanti din is-somma prezz ta' merca lilha mibjugha u kkonsenjati.

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

Illi s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghat inadempjenti.

Illi s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici, u ghalhekk jesiztu c-cirkostanzi komtemplati fl-artikoli 167 - 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din l-OnorabbIi Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-artikoli 167 - 170 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, sitt mija u lira Maltin u sitt u ghoxrin centezmu (Lm1601.26).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru 1998 u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-affidavit tas-socjeta` attrici a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol 12 tal-process, fejn eccepiet:

1. In linea preliminari, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

2. Fil-mertu, l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici mhux dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 13 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta Frar 1999.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha esebiet zewg affidavits.

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 t'Ottubru 1999; tas-7 ta' Jannar 2000 fejn Dr David Camilleri ddikjara illi m'ghandux provi aktar; tat-13 ta' Marzu 2000; tat-8 ta' Mejju 2000; tad-9 t'Ottubru 2000; tas-16 ta' Novembru 2000 fejn il-

kawza baqghet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut; u tas-7 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti ddecretat li in vista tal-fatt li s-socjeta` konvenuta la prezentat xhieda bl-affidavit u lanqas resqet provi llum, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 t'April 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed tallega li s-socjeta` konvenuta ghandha debitu maghha ta' Lm1601.26 rappresentanti s-somma prezz ta' merca lilha mibjugha u kkonsenjata.

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet in linea preliminari, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-**Artikolu 2148 (b)** tal-Kodici Civili. Mentri fil-mertu, eccepiet illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici mhux dovut.

### (i) L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet illi l-azzjoni attrici hi preskritta *ai termini* tal-**Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16**. Illi dan l-Artikolu jghid:

"*L-azzjonijiet hawn taht msemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut*".

Illi ma rrizultax li hemm xi opposizzjoni illi s-sub-artikolu (b) huwa applikabbli ghall-kaz oderjn; pero` wiehed issa jrid jara jekk it-tmintax-il xahar ghaddewx effettivament.

Illi s-socjeta` attrici esebit permezz ta' nota l-*invoices* li kienu nhargu minnha meta s-socjeta` konvenuta kienet tixtri njam tal-abjad regolarment minn ghandhom. Jirrizulta minn Dok H (a fol 66 tal-process) li l-ahhar darba li xtraw minn ghandhom kien il-25 ta' Marzu 1997. Dawn l-*invoices* ma gewx kontestati bl-ebda mod. Illi minn din id-data sakemm giet ipprezentata c-citazzjoni attrici fit-22 ta' Ottubru 1998 bla ebda dubju ghaddew tmintax-il xahar. Illi pero` s-socjeta` attrici pprezentat ittra ufficjali fit-18 ta' Settembru 1998 u giet notifikata fit-28 ta' Settembru, 1998. Illi skond l-**Artikolu 2128 tal-Kap 16**:

*"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom".*

Illi b'hekk kif jirrizulta minn dan l-artikolu sabiex il-preskrizzjoni tinkiser l-ittra ufficjali trid tkun notifikata lill-parti l-ohra. Fil-kaz odjern, din l-ittra ufficjali giet notifikata fit-28 ta' Settembru 1998 cioe` meta t-tmintax il-xahar sabiex titressaq azzjoni kienu ghaddew. Illi pero` l-ittra ufficjali in kwistjoni giet prezentata fit-18 ta' Settembru 1998 meta l-perjodu preskrittiv ma kienx ghadu ghadda. Illi ghalhekk b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 2130 (1) tal-Kap 16**, l-azzjoni attrici ma tirrizultax preskritta. Dan l-artikolu jghid hekk:

**Art 2130 (1):** *"Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni".*

Fil-kaz-odjern, l-ittra ufficjali giet notifikata fit-28 ta' Settembru 1998 cioe` tlett ijiem biss wara li ghadda t-terminu ta' tmintax-il xahar preskrizzjoni. B'hekk il-vot tal-ligi hu sodisfatt ghaliex l-ittra ufficjali giet prezentata fit-terminu u giet notifikata fi zmien xahar minn mindu kien ighaddi l-istess terminu ta' tmintax-il xahar li kien jiskadi fil-25 ta' Settembru 1998. Kwindi tali eccezzjoni ghandha tigi michuda.

(ii) KONSIDERAZZJONIJIET FIL-MERTU

Illi fl-affidavit tieghu **Herman German**, wiehed mid-diretturi tal-kumpanija kummercjali Forestals Buildings Materials &

Services Limited, xehed li hu jaf personalment illi minn Frar 1996 sa Marzu 1997 is-socjeta` PPB Malta Limited kienet tixtri njam tal-abjad regolarment minn ghandhom. L-ahhar darba li xtraw minn ghandhom kien il-25 ta' Marzu 1997. Tul dan iz-zmien, huma hallsu darba biss akkont tal-prezz dovut lilhom, u llum il-bilanc huwa ta' Lm1601.26c. Huwa esebixxa *statement* illi juri l-bilanc dovut flimkien mal-konsenji tal-injam li saru lill-PPB Malta Limited fid-diversi dati (Dok H1).

Illi hu spjega li darba fix-xahar kienu u ghadhom jibghatulhom *statement* li juri l-bilanc li ghandhom ihallsu. Huma qatt ma kkontestaw dan l-i*satement* anzi bosta drabi cempel hu personalmen fl-*Accounts Department* u dejjem qalulu biex jistenna ftit peress li kienu se jibghatu l-hlas dalwaqt. Illi fix-xhur ta' qabel ma pprezentaw il-kawza, gieli cemplilhom u huma ammettew mieghu li kienu se jaghmlu l-hlas kif diga kien qal. Is-segretarja tieghu kienet hadet notament illi fit-23 ta' Lulju 1998 hi cemplet lil xi hadd mis-socjeta` konvenuta u kienu ppromettewlu li kienu ser ihallsu Lm500 fl-ahhar ta' Lulju 1998 u l-kumplament f'Awissu (Vide Dok H2). Huwa qal li kienu jiktbu hafna ittri barra l-i*statements* li kienu jibghatu (vide Dok H3 sa H9).

Illi mill-provi kollha prodotti rrizulta soddisfacentement illi s-socjeta` attrici verament hi kreditrici tas-socjeta` konvenuta. Dan kollu hu sopportat mid-dokumenti esebiti fil-process. Inoltre` l-konvenuti ma resqu ebda provi sabiex jikkontestaw l-*invoices* esebiti.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, sitt mija u lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1601.26).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 18 ta' Settembru 1998 u bl-imghax mid-data tal-25 ta' Marzu 1997 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**5 t'April 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**5 t'April 2001.**